

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

23.10.2006

B6-0531/2006 }
B6-0532/2006 }
B6-0533/2006 }
B6-0534/2006 }
B6-0535/2006 }
B6-0536/2006 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Charles Tannock, Camiel Eurlings u Tunne Kelam, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Jan Marinus Wiersma u Hannes Swoboda, f'isem il-Grupp PSE
- Marielle De Sarnez u Margarita Starkevičiūtė, f'isem il-Grupp ALDE
- Daniel Cohn-Bendit, Hélène Flautre u Bart Staes, f'isem il-Grupp Verts/ALE
- Vittorio Agnoletto, f'isem il-Grupp GUE/NGL
- Hanna Foltyn-Kubicka, Inese Vaidere, Guntars Krasts, Konrad Szymański, Michał Tomasz Kamiński u Adam Jerzy Bielan, f'isem il-Grupp UEN

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- ALDE (B6-0531/2006)
- PSE (B6-0532/2006)
- Verts/ALE (B6-0533/2006)
- PPE-DE (B6-0534/2006)
- GUE/NGL (B6-0535/2006)
- UEN (B6-0536/2006)

dwar ir-relazzjonijiet ta' bejn l-UE u r-Russja wara l-qtil tal-ġurnalista Russa Anna Politkovskaya

RC\636767MT.doc

PE 379.696v01-00}
PE 379.697v01-00}
PE 379.698v01-00}
PE 379.699v01-00}
PE 379.700v01-00}
PE 379.701v01-00} RC1

MT

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet ta' bejn l-UE u r-Russja wara l-qtil tal-ġurnalista Russa Anna Politkovskaya

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-objettivi tal-konsolidazzjoni tad-demokrazija u tal-libertajiet politiċi fil-Federazzjoni Russa, kif stipulat fil-Ftehma ta' Šhubija u Koperazzjoni bejn l-UE u r-Russja (PCA) li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997, b'negozjati dwar ftehma ġdida li mistennija jibded din is-sena,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-libertà ta' l-istampa u l-libertà tal-kelma fir-Russja, u b'mod partikulari r-rapport ta' Cecilia Malmström adottat fis-26 ta' Mejju 2005,
 - ifakkar l-obbligazzjonijiet tal-Federazzjoni Russa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikulari fid-dawl tal-fatt li r-Russja attwalment tippresiedi l-Kumitat tal-Ministri fil-Kunsill ta' l-Ewropa,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-ġurnalista Russa Anna Politkovskaya nqatlet fil-lift tal-blokk appartamenti tagħha s-Sibt, 7 ta' Ottubru 2006, u sparawha b'mod konsistenti ma' qtil fuq ordni ta' xi ħadd,
- B. billi Anna Politkovskaya ppublikat ħafna artikoli u diversi kotba dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, u b'mod partikulari fiċ-Ċeċnija u fil-Kawkażu tat-Tramuntana,
- C. billi Anna Politkovskaya kienet ukoll difensura dedikata tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja u tat appoġġ effettiv lill-vittmi tal-vjolażżjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikulari fiċ-Ċeċnija,
- D. billi dan il-qtil isegwi dak ta' Andrei Kozlov, il-viċi 'chairman' tal-Bank Ċentrali Russu, li kien qed jipprova jirrifirma s-sistema bankarja tar-Russja; billi, ukoll, id-direttur kummerċjali ta' l-aġenzija ta' l-istampa Itar-Tass, Anatoly Voronin, inqatel fl-appartament tiegħu fis-16 ta' Otubru 2006,
- E. billi l-qtil ta' avversarji politiċi sar fenomenu inkwetanti fl-arena politika Russa,
- F. billi r-Russja, skond il-Korrispondenti Mingħajr Fruntieri u l-Kumitat għall-Ħarsien tal-Ġurnalisti, hija waħda mill-pajjiżi prinċipali fejn inqatlu ġurnalisti,
- G. billi l-investigazzjonijiet f'dawn l-omiċidji ma kienux biżżejjed u fil-parti l-kbira tal-każijiet il-qattela qatt ma ġew identifikati,
- H. billi ġie espress inkwiet pubbliku serju kemm fl-arena internazzjonali u kif ukoll fir-Russja stess dwar ir-restrizzjonijiet dejjem akbar dwar il-libertà ta' l-istampa u l-libertà tal-kelma,

RC\636767MT.doc

PE 379.696v01-00}
PE 379.697v01-00}
PE 379.698v01-00}
PE 379.699v01-00}
PE 379.700v01-00}
PE 379.701v01-00} RC1

- I. billi l-libertà tal-midja, il-ħarsien effettiv tal-ġurnalisti indipendenti u l-appoġġ sħiħ għall-
ħidma ta' l-organizzazzjonijiet għad-Drittijiet tal-Bniedem huma element essenzjali fl-
iżvilupp demokratiku ta' pajjiż,
1. Ifaħħar il-ħidma u l-merti ta' Anna Politkovskaya, korrispondenta investigattiva rispettata
ħafna u magħrufa bħala s-simbolu tal-ġurnaliżmu onest fir-Russja, li ingħatat ħafna premijiet,
fost l-oħrajn il-Premju Olaf Palme, u li b'mod kuraġġuż iddefendiet il-ħajja u d-dinjità tal-
bniedem u li esponiet u rrapportat b'mod objettiv dwar forom varji ta' reati kontra l-umanità,
speċjalment fiċ-Ċeċnija;
 2. Jesprimi l-kondoljanzi sinċiera tiegħu lill-familja ta' Anna Politkovskaya u lill-ħbiebha u lill-
kollegi tagħha fil-ġurnaliżmu u l-moviment għad-drittijiet tal-bniedem;
 3. Jikkundanna l-qtil ta' Anna Politkovskaya bl-aktar mod b'saħħtu, u jstieden lill-awtoritajiet
Russi sabiex iwettqu investigazzjoni indipendenti u effiċjenti sabiex isibu u jikkastigaw lil
dawk li huma responsabbli ta' dan ir-reat beżżiegħ; jstieden lill-UE u lill-Kunsill ta' l-
Ewropa sabiex timmonitorja dawn l-investigazzjonijiet mill-qrib;
 4. Isemma' t-tħassib serju tiegħu dwar l-intimidazzjoni, it-turment u l-qtil ta' ġurnalisti
indipendenti u persuni oħra kritiċi tal-gvern preżenti, u jfakkar lill-Gvern tar-Russja li jekk
din it-tendenza tkompli, se jkollha effett negattiv fuq ir-reputazzjoni ġenerali tar-Russja;
 5. Jstieden lill-awtoritajiet Russi sabiex jiġġieldu b'mod attiv kontra l-intimidazzjoni ta'
ġurnalisti indipendenti u attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, u biex jagħtu protezzjoni sħiħa lil
ġurnalisti indipendenti li jesponu każijiet serji ta' inġustizzja f'pajjiżhom u lill-
organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u r-rappreżentanti tagħhom li jiddefendu l-vittmi
ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem;
 6. Jstieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jieħdu pożizzjoni
bi prinċipji sodi u konsekventi fin-negozjati għal Ftehma ta' Sħubija u Koperazzjoni ġdida
mal-Federazzjoni Russa, u jinsistu li jiġu salvagwardjati l-libertà ta' l-istampa u r-rispett lejn
il-ġurnaliżmu indipendenti f'konformità ma' standards Ewropej;
 7. F'dan il-kuntest, ihegġegħ lill-Kunsill sabiex jikkunsidra b'mod serju l-ġejjieni tar-relazzjonijiet
mal-Federazzjoni Russa, jiddibatti s-suġġett mal-Parlament Ewropew u mas-soċjetà ċivili
bil-għan li d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' l-espressjoni jitpoġġew fil-
qalba ta' kwalunkwe ftehma ġejjiena u jstabilixxu mekkaniżmu ċar għall-monitoraġġ ta' l-
implimentazzjoni tal-klawżoli kollha ta' dan it-tip ta' ftehma;
 8. Jstieden li tingħata spinta lid-Djalogu għad-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u r-Russja,
sabiex jagħmluh aktar effettiv u orjentat lejn ir-riżultati, filwaqt li jinvolvu b'mod sħiħ lill-
Parlament Ewropew fil-livelli kollha, bil-għan li jsaħħu dan l-element fil-Ftehma ta' Sħubija
u Koperazzjoni ġdida li għandha tiġi negozjata dalwaqt;
 9. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-fatt li skond il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-
organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, aktar minn 900 organizzazzjoni mhux governattiva ġew
sfurzati jwaqqfu l-operazzjonijiet tagħhom fir-Russja; ihegġegħ lill-awtoritajiet Russi sabiex

iħaffu l-proċeduri ta' reġistrazzjoni filwaqt li sadanittant jippermettu lil dawn l-organizzazzjonijiet biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom sakemm l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu proċessati u mdaħħla fir-reġistru; jistieden lill-Gvern Russu biex ma jużax in-nuqqas ta' ċarezza tar-regoli tal-liġi l-ġdida bħala skuża biex isikket il-vuċijiet kritiċi tas-soċjetà ċivili;

10. Huwa konxju li l-uniku mod sabiex jiġi onorat verament l-impenn passjonat ta' Anna Politkovskaya lejn il-verità, il-ġustizzja u d-dinjità tal-bniedem huwa li jsiru sforzi komuni biex tiġi mwettqa l-ħolma ta' Anna Politkovskaya ta' Russja demokratika li tirrispetta b'mod sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini tagħha;
11. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-parlamenti u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-Gvern u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa u lill-Kunsill ta' l-Ewropa.